



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 14 ta' Diċembru 2018
(OR. en)

14616/18

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0387 (NLE)

FISC 500
ECOFIN 1119

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li temenda d-
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/53/UE li tawtorizza lir-Renju tal-Belġju
biex jintroduċi miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 285 tad-Direttiva
2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2018/ ...

ta'...

**li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/53/UE
li tawtorizza lir-Renju tal-Belġju biex jintroduċi miżura speċjali
li tidderoga mill-Artikolu 285 tad-Direttiva 2006/112/KE
dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 395(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

¹ ĠU 347, 11.12.2006, p. 1.

Billi:

- (1) Permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2013/53/UE¹ ir-Renju tal-Belġju ġie awtorizzat biex sal-31 ta' Diċembru 2015 japplika miżura speċjali biex jeżenta mill-VAT lill-persuni taxxabbli li l-fatturat annwali tagħhom mhuwiex aktar minn EUR 25 000. Dik l-awtorizzazzjoni ġiet sussegwentement estiża sal-31 ta' Diċembru 2018 bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/2348².
- (2) Permezz ta' ittra rreġistrata mal-Kummissjoni fil-12 ta' Settembru 2018, il-Belġju talab estensjoni ulterjuri tal-miżura speċjali għal perjodu limitat.
- (3) Skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 395(2) tad-Direttiva 2006/112/KE, il-Kummissjoni baġtet it-talba mressqa mill-Belġju lill-Istati Membri l-oħra, permezz ta' ittra datata l-14 ta' Settembru 2018. Permezz ta' ittra datata s-17 ta' Settembru 2018, il-Kummissjoni nnotifikat lill-Belġju li kellha l-informazzjoni kollha meħtieġa biex tkun tista' tqis it-talba.

¹ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2013/53/UE tat-22 ta' Jannar 2013 li tawtorizza lir-Renju tal-Belġju biex jintroduċi miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 285 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 22, 25.1.2013, p. 13).

² Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/2348 tal-10 ta' Diċembru 2015 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/53/UE li tawtorizza lir-Renju tal-Belġju biex jintroduċi miżura speċjali ta' deroga mill-Artikolu 285 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 330, 16.12.2015, p. 51).

- (4) Skont il-Belġju, il-miżura speċjali tnaqqas il-piż amministrattiv u l-kostijiet ta' konformità għall-imprezzi żgħar u l-awtoritajiet tat-taxxa u għalhekk tikkontribwixxi għas-simplifikazzjoni tal-ġbir tat-taxxa.. Il-miżura speċjali hija u ser tibqa' fakultattiva għalkollox għall-persuni taxxabli.
- (5) Minħabba l-impatt potenzjali pożittiv fir-rigward tat-tnaqqis tal-piż amministrattiv u tal-kostijiet ta' konformità għall-imprezzi ż-żgħar u għall-awtoritajiet tat-taxxa, mingħajr ebda impatt kbir fuq id-dħul totali mill-VAT li jrid jiġi ġġenerat, qed jiġi propost li l-miżura speċjali tiġi estiża għal perjodu ieħor limitat, sal-31 ta' Diċembru 2021.
- (6) Billi l-Artikoli 281 sa 294 tad-Direttiva 2006/112/KE li jirregolaw l-iskema speċjali għall-imprezzi żgħar huma soġġetti għal reviżjoni, tista' tidħol fis-seħħ Direttiva li temenda dawk l-Artikoli u li tistabbilixxi data li minnha l-Istati Membri jridu japplikaw id-dispożizzjonijiet nazzjonali qabel ma jiskadi l-perjodu ta' validità tad-deroga fil-31 ta' Diċembru 2021. Jekk jiġri dan, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni ma tibqax tapplika.
- (7) Id-deroga ma tħalli l-ebda impatt fuq ir-riżorsi proprji tal-Unjoni li jakkumulaw mill-VAT billi l-Belġju għandu jagħmel kalkolu tal-kumpens b'konformità mal-Artikolu 6(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom) Nru 1553/89¹.
- (8) Għaldaqstant, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/53/UE tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom) Nru 1553/89 tad-29 ta' Mejju 1989 dwar l-arranġamenti uniformi definittivi għall-ġbir ta' riżorsi proprji li jakkumulaw mit-taxxa tal-valur miżjud (ĠU L 155, 7.6.1989, p. 9).

Artikolu 1

L-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/53/UE huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2013 sal-aktar data kmieni minn dawn iż-żewġ dati li ġejjin:

- (a) il-31 ta' Diċembru 2021;
- (b) id-data li minnha l-Istati Membri jridu japplikaw kwalunkwe dispożizzjoni nazzjonali li jeħtieġ jadottaw jekk tiġi adottata Direttiva li temenda l-Artikoli 281 sa 294 tad-Direttiva 2006/112/KE li jirregolaw l-iskema speċjali għall-impriżi żgħar."

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha ssir effettiva fid-data tan-notifika tagħha.

Għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2019.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju tal-Belġju.

Magħmul fi

Għall-Kunsill

Il-President
